**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 16**

**Rikors Maħluf Numru 253/2022 NC**

**Re-Store Limited**

**vs.**

**Dusk & Dawn Co. Limited**
**u**
**Joseph Camilleri**

Illum 19 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Re-Store Limited ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2022 li jgħid hekk:

*"1. Illi permezz ta' skrittura privata datata 2 ta' Marzu 2018 (aktar il quddiem imsejħa 'l-Iskrittura Privata' u li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn esibita bħala Dokument A) il-kumpannija*

*attriċi appuntat lil kumpannija konvenuta sabiex topera fond fil-Valletta Waterfront, Pinto Wharf, Floriana bħala catering establishment; liema fond il-kumpannija attriċi kienet u għada tiddjeteni b'titolu ta' kera mingħand Valletta Cruise Port plc permezz ta' ftehim bil-miktub tal-istess data u li kopja tiegħu qiegħda tiġi esibita bħala Dokument B.*

*2. Illi fuq l-iskrittura privata kien deher ukoll il-konvenut li flimkien mal-kumpannija konvenuta solidalment iggarrantixxa l-obbligi kollha tal-kumpannija konvenuta a favur il-kumpannija attriċi, li aċċettat, naxxenti mill-iskrittura privata.*

*3. Illi fost dawn l-obbligi tal-kumpannija konvenuta, u solidalment magħha ggarantiti mill-konvenut, hemm il-ħlasijiet dovuti mill-kumpannija konvenuta a favur tal-kumpannija attriċi u stipulati fil-klawsoli erbgħa (4) u ħamsa (5) tal-iskrittura privata.*

*4. Illi l-kumpannija konvenuta waqgħet lura fil-ħlasijiet illi hija obbligat ruħha li tagħmel lill-kumpannija attriċi a tenur tal-iskrittura privata.*

*5. Illi fid-9 ta' Awwissu 2021 sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa (aktar il quddiem imsejjaħ 'l-Kuntratt' u li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn esibita bħala Dokument Ċ) illi permezz tiegħu il-kumpannija konvenuta ddikjarat illi hija vera, ċerta u likwida debitriċi tal-kumpannija attriċi a tenur ta' dak stipulat fl-iskrittura privata fis-somma ta' ħames mija u għaxart elef tlett mija u sebgħa u sittin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€510,367.64) u ntrabtet li tħallas dan id-dejn sat-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022). Inter alia, deher ukoll fuq l-Kuntratt l-konvenut li solidalment mal-kumpannija konvenuta ggarantixxa l-obbligi tal-kumpannija konvenuta naxxenti mill-Kuntratt, inkluż il-ħlas ta' l-imsemmija somma ta' ħames mija u għaxart elef tlett mija u sebgħa u sittin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€510,367.64) a favur tal-kumpannija attriċi illi aċċettat.*

*6. Illi dan l-ammont ta' ħames mija u għaxart elef tlett mija u sebgħa u sittin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€510,367.64) jidher fl-istatement hawn esibit bħala Dokument D.*

*7. Illi mhux talli l-kumpannija konvenuta ma ħallset xejn minn din is-somma talli baqgħet ma ħallset xejn minn dak li sar dovut minnha lill-kumpannija attriċi a tenur tal-Iskrittura Privata wara l-pubblikazzjoni tal-Kuntratt u ukoll mill-flus li ma ġewx inklużi fis-somma ta' €510,367.64 mertu tal-Kuntratt tant illi illum s-somma dovuta mill-kumpannija konvenuta lill-Kumpannija attriċi żdiedet b'mija u sebgħa u ħamsin elf u tlieta u ħamsin ewro u tmien ċenteżmi (€157,053.08); liema somma, naturalment mhijix inkluża fil-Kuntratt pero' tirriżulta mill-imsemmi statement meta mit-total ta' €667,420.72 li jidher fl-istess statement titnaqqas is-somma ta' €510,367.64 mertu tal-Kuntratt.*

*8. Illi interpellati sabiex solidalment iħallsu lill-kumpannija attriċi l-invoices li mhumiex koperti bil-Kuntratt, inkluż permezz ta' ittra uffiċċjali datata 3 ta' Frar 2022, il-konvenuti naqsu.*

*9. Illi l-imsemmi dejn huwa ċert, likwidu u li għalaq u ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' fatt.*

*10. Illi Herman Miceli Demajo, direttur tal-kumpannija attriċi, jaf bil-fatti hawn dikjarati personalment u sa fejn jaf hu l-konvenuti ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talbiet li qegħdin jiġu magħmula mill-kumpannija attriċi.*

*11. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-kumpannija attriċi titlob bir-rispett kollu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tiddeċiedi din il-kawża skont it-talba sussegwenti bid-dispensa tas-smiegħ, a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-kumpannija attriċi l-imsemmija somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u tlieta u ħamsin ewro u tmien ċenteżmi (€157,053.08) bl-imgħax ta' tmienja fil-mija fis-sena mill-ġurnata tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija konvenuta u l-konvenut solidalment bejniethom; ir-rappreżentanti ta' liema kumpannija konvenuta kif ukoll il-konvenut huma minn issa nġunti in subizzjoni. B'riserva ukoll għall-ħlas dovut mill-konvenuti lill-kumpannija attriċi a tenur tal-Kuntratt u ta' ħlasijiet ulterjuri li jsiru dovuti a tenur tal-Iskrittura Privata mill-konvenuti lill-kumpannija attriċi wara l-preżentata ta' din il-kawża."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 51) tad-29 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-4 ta' Mejju 2022 u li l-konvenuti ġew ordnati sabiex jidhru dakinhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi l-konvenuti ġew debitament notifikati b'dawn il-proċeduri fit-28 ta' April 2022 (*a fol.* 52 *tergo.*).

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 55) ġie vverbalizzat is-segwenti:

*"Il-Qorti tinnota li l-konvenuti ġew notifikati fit-28 ta' April, 2022 skont riferta li tifforma parti mill-atti proċesswali. Il-Qorti tqis li skont l-Artikolu 169 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenuti għandhom jingħataw żmien minimu ta' ħmistax-il jum qabel jiġu mħarrka fil-kawża sabiex iħejju d-difiża tagħhom. Peress li f'dan il-każ dawn il-ħmistax-il jum għadhom m'għaddewx, il-Qorti bit-tħaddim tal-proviso tal-Artikolu 169 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddiferixxi l-kawża għal jum ieħor biex b'hekk il-konvenuti jkunu jistgħu iħejju d-difiża tagħhom.*

*It-twissijiet u d-direttivi mogħtija mill-Qorti fid-digriet tagħha tad-29 ta' Marzu, 2022 għandhom jibqgħu jgħoddu sas-seduta li jmiss".*

Rat illi fis-seduta tallum deher il-konvenut Joseph Camilleri għan-nom tiegħu u in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta Dusk & Dawn Co. Limited assistit mill-konsulent legali tiegħu, waqt liema seduta ġiet ippreżentata Nota fejn il-konvenuti ammettew t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawża odjerna tirrigwarda l-ammont ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u tlieta u ħamsin Euro u tmien ċenteżmi (€157,053.08) li hija dovuta wara li mill-ammont ta' €667,420.72 li jirriżulta fl-i*statement* (Dok. "D" – *a fol.* 45 *et seq.*) jitnaqqas l-ammont ta' €510,367.64 li kellu jitħallas *ai termini* ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok. "Ċ – *a fol.* 41 *et seq.*) iffirmat fid-9 ta' Awwissu 2021.

Illi ġiet ippreżentata Nota ta' Ammissjoni tal-konvenuti fejn ammettew t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-Qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".

Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs. Direttur tas-Sigurta' Soċjali** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara **Carmelo Bonnici nomine vs. Ronald Farrugia et**, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li ngħad f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grima vs. Alfred Attard et**, fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-appellata għandha raġun, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fuq ammissjoni u mhux tiddikjara l-mertu eżawrit".

**Ikkunsidrat**

Illi ladarba fil-każ odjern il-Qorti għandha Nota ta' Ammissjoni ppreżentata mill-konvenuti, permezz ta' liema Nota ġie ddikjarat li l-konvenuti kienu qed jammettu t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, b'hekk la hemm qbil minn naħa tal-konvenuti fir-rigward ta' dak mitlub u dedott mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mis-soċjeta' attriċi. Di fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Justin Micallef Grimaud** meta qalet hekk:

> "Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Dusk & Dawn Co. Limited u lill-konvenut Joseph

Camilleri sabiex solidalment bejniethom iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u tlieta u ħamsin Euro u tmien ċenteżmi (€157,053.08) bl-imgħax ta' tmienja fil-mija fis-sena mill-ġurnata tal-preżentata tar-Rikors Maħluf *ossia* mill-24 ta' Marzu 2022 sad-data tal-ħlas effettiv.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi jitħallsu solidalment bejn is-soċjeta' konvenuta Dusk & Dawn Co. Limited u l-konvenut Joseph Camilleri.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**